# Minuti tas-sebgħa u sittin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Is-67 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 14 ta' Mejju 2015. Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Norman Clews u s-Sur Joseph Agius.

Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, is-Sur Nicholas Azzopardi kien skużat minħabba mpenji oħra.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tas-66 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Agius.

Item 3 – Mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti

Iċ-*Chairperson* tkellem dwar il-marki tat-traffiku fi Triq Dun Salv Sciberras u talab li jsiru *double yellow lines* fil-kantuniera ma' Triq iż-Żabrella. Is-Sur Farrugia talab ukoll li jsir *stop sign* fil-kantuniera ma' Triq il-Berebies.

Item 4 – Korrispondenza

Inqraw ittri mibgħuta minn residenti ta' Triq Dun Salv Sciberras bi proposta dwar tibdil fis-sistema tat-traffiku f'din it-triq. Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*, il-Kumitat qabel unanimament li Triq Dun Salv Sciberras issir *one way* minn naħa ta' Triq il-Madaffa u l-parti l-oħra tat-triq tibqa' *two way*. Il-Kumitat imbagħad la darba tingħata l-approvazzjoni u jsir it-tibdil, jevalwa l-andament tat-traffiku biex jekk tinħass il-ħtieġa jkompli jsir it-tibdil li jkun hemm bżonn.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Is-Sur Farrugia reġa' saħaq dwar l-importanza li jsir infurzar biex ma jibqax isir ipparkjar ta' vetturi fi Triq Alessio Erardi fil-kantuniera ma' Triq il-Baħrija.

Fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*, il-Kumitat qabel unanimament li jinxtraw żewġ *litter bins* tal-klieb għal Triq San Leonardu.

Is-Sur Farrugia semma l-possibiltà li l-passaġġ li hemm wara l-*pitch* tal-boċċi jkun aċċessibbli biss għar-residenti u dan minħabba sewwieqa li qiegħdin jostakolaw l-aċċess fit-triq.

Fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, il-Kumitat qabel unanimament ukoll li tintalab l-approvazzjoni biex tkun tista' ssir *road hump* fi Triq Dun Salv Sciberras ma' Triq l-Għakrux.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.20 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-68 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2015.

Mario Bartolo
*Chairperson*